# Kelli tlettax

Kelli tlettax-il sena. Kont spiss immur ma' missieri nimxi nhar ta' Sibt. Daqqa konna mmorru ġo xi ġnien u drabi oħra konna mmorru ħdejn il-baħar naraw id-dgħajjes. L-aktar li kont inħobb immur kien ġo ħwienet ta' l-imbarazz; hemm kont noqgħod inħares lejn apparat qadim ta' l-elettriku. Kultant konna nixtru xi ħaġa rħisa sempliċiment biex inħottuha.

Fi triqtna lura lejn id-dar, missieri ta' sikwit kien jieqaf f'ħanut jismu *Dairy Cream* biex nixtru ġelat. Mhux kull darba, imma ta' spiss. Ma kontx nistenna li dejjem se jixtrili imma, meta konna naqbdu triqtna lejn id-dar, kont nittama li nieqfu u mhux nibqgħu sejrin id-dar mingħajr ġelat.

Xi drabi missieri kien jinkini billi jgħaddi minn triq oħra. "Se ngħaddu minn hawn biex inbiddlu ftit," kien jgħidli, u jsuq minn quddiem id-*Dairy Cream* mingħajr ma jieqaf. Kienet qisha logħba u għalija, li kont mitmuħ tajjeb, ma kenitx xi ħaġa kbira.

Ġieli kien jistaqsini, "Għandek aptit ġelat?" u jien kont nirrispondi, "Dażgur." Jien dejjem kont nieħu wieħed taċ-ċikkulata u hu kien jieħu tal-vanilla. Kien jagħtini l-flus u kont immur niġri nixtri l-ġelati li konna nieklu fil-karozza. Kont inħobb lil missieri u kont inħobb il-ġelati – għalhekk, kont fis-seba' sema.

Ġurnata minnhom, waqt li konna sejrin lura, reġa' staqsieni jekk irridx ġelat u jien irrispondejt iva, Qalli, "Tridx tħallas int illum.

Ħamsin ċenteżmu u ħamsin ċenteżmu! Ħriġt il-biċċtejn muniti mill-but u ħarist u rġajt ħarist lejhom. Bdejt inħossni mħawwad. Kelli daqshekk flus għax kienu jagħtuni kull ġimgħa u kont naqla' xi ħaġa żejda wkoll. X'nagħmel? Nonfoqhom hekk f'daqqa? Nispiċċa b'xejn fil-but f'ħakka t'għajn? U min jaf meta se jerġa' jkolli daqshekk flus li nista' nsejħilhom tiegħi? Elf mistoqsija bdew jidwu f'moħħi. U ħin minnhom intbaħt li kont qed naħseb ferm aktar fil-flus milli fil-ġelat li soltu kont niġġennen għalih. Naqra naqra kelli nammetti l-verità: peress li issa kont se nħallas jien, ma ħassejthiex daqshekk importanti li nieħu ġelat. Kont lest li ngħaddi mingħajru... basta ma nħallasx jien!



Din kienet opportunità biex nagħti xi ħaġa lura lil missieri li tant kien ġeneruż miegħi. Kif ma ndunajtx li missieri kien xtrali ħamsin ġelat u jien qatt ma xtrajtlu wieħed? Li bdejt inqis dak il-ħin kienu l-flus li kelli nonfoq!

Illum li kbirt, intbaħt kemm kont egoist u qist l-interessi tiegħi biss. Anke tifel żgħir ta' tlettax-il sena jista' jaqa' vittma ta' l-imħabba egoista għall-flus. Kemm trid tkun qalbek kbira biex ma tħallix il-flus jikkmandawk!